MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Numru. 932/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**
**vs**
**John Cachia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Cachia ta' 49 sena bin il-mejtin Louis u Stella nee' Grech, imwieled il-Pieta' fit-12 ta' Awwissu 1961 u residenti fil-fond Nru 34, Flt Nru. 4, Triq Sant' Anglu, l-Isla u detentur tal-karta tal-identita' numru 0555461(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

A) Nhar is-7 ta' Settembru 2010, ghal habta tat-7.45 ta' filghaxija filwaqt li kien fi Triq il-Vittorja, gewwa l-Isla minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' Victor Schiavone minn l-Isla, f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, liema ferita igiblu sfregju gravi u permanenti fil-wicc u dan skond ma' iccertifikat Dottoressa Lara Attard

tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid u minn Dr. Inigo Espert mill-Isptar St. James u dan ai termini ta’ l-artikoli 214 u 218 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Victor Schiavone minn l-Isla hekk kif iccertifikat Dottoressa Lara Attard MD, tac-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u minn Dr. Inigo Espert mill-Isptar St. James u dan ai termini ta’ l-artikoli 221 tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta;

C) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta’ Victor Schiavone mill-Isla sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna, u dan ai termini ta’ l-artikolu 339 1(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

D) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

E) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’dagha u dan ai termini ta’ l-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F) Nhar is-7 ta’ Settembru 2010, ghal habta tat-7.45 ta’ filghaxija qabad oggett iebes u cioe’ siggu kontra Victor Schiavone u/jew persuni ohra lkoll mill-Isla, u dan ai termini ta’ l-artikoli 339 1(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

G) Fl-Isla f’diversi hinijiet matul il-jum tas-7 ta’ Settembru 2010 samma’ jew daqq strument tal-muzika jew strument iehor li jaghmel hoss fil-kazin bl-isem Senglea Athletics sitwat fi Triq il-Vittorja, l-Isla u dan wara li kien imwissi mid-detentur jew mill-persuna li toqghod f’bini fil-qrib u cioe’ s-sur Victor Schiavone minn l-Isla, minhabba l-mard ta’ persuna f’dak il-bini jew ghal xi raguni ohra, kif ukoll wara li gie hekk imwissi mill-Pulizija u dan ai termini ta’ l-artikolu 41(1) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta.

H) F’diversi hinijiet nhar is-7 ta’ Settembru 2010 gewwa l-Isla fil-kazin tal-futbol bl-isem Senglea Athletics haddem

jew gieghel jew halla lil min ihaddem ‘loud speaker’, gramafon, amplifikatur jew strument bhal dawn, ghamel, inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib u cioe’ lis-sur Victor Schiavone minn l-Isla u/jew persuni ohra u dana ai termini ta’ l-artikolu 41(2) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;

I) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien gewwa l-bar tas-Senglea Athletics ma’ obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma hallhiex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

J) Rama’ imwejjed mhux skond id-dispozizzjoni tal-permess mahrug mill-Kunsill Lokali.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika ukoll l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Victor Schiavone, minn l-Isla u l-familja ai termini ta’ l-artikoli 412C u 412D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skond l-art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta’ Marzu 2011 (esebita a fol. 96 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikoli 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Fl-artikoli 41(1)(2), 318, 319(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru 2011, l-imputat ddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-10 ta' Novembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma' ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-partijiet rrissolvew il-pendenzi kollha ta' bejniethom kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-15 ta' Frar 2011 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(2), 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(b)(d), 41(1)(2),17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 318, 319(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------